**Aġġornament dwar l-istrajk tal-MUT tas-27 ta’ Novembru 2023**

Dawn l-istruzzjonijiet inħarġu l-Ġimgħa 24 ta’ Novembru. Kull aġġornament ser ikun inkluż hawn.

1. Għalfejn l-istrajk?

   L-MUT ilha tinnegozja l-ftehim settorali mal-gvern minn Diċembru 2022. Sal-lum il-proposta finanzjarja proposta mill-gvern hi ’l bogħod minn dak mistenni mill-MUT fl-isfond tal-wegħda li ser ikun hemm titjib sostanzjali fis-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-edukaturi.

2. Min hu msejjaħ li jistrajkja?

   L-istrajk issejjaħ għal dawn il-gradi kollha impjegati mal-iskejjel tal-Istat u mal-iskejjel tal-Knisja: KGEs, EOs, HODs, teachers, LSEs, AHs, HOS, trainers, MAV Centre administrators, LSC coordinators u l-gradi tekniċi.

3. Jekk jiena wieħed minn dawn il-gradi iżda ma naħdimx ġo skola, x’se nagħmel?

   L-istrajk japplika għalik ukoll.

4. Jekk jiena fi grad supply, NQT, NRT, waqt training jew waqt probation, x’għandi nagħmel?

   L-istrajk imsejjaħ għalik ukoll u l-MUT se tipproteġik waqt l-istrajk.

5. Se nitħallas dakinhar tal-istrajk jekk nistrajkja?

   Kif imħabbar diġà mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, min ser jistrajkja mhux ser jitħallas ta’ dak il-jum. Din hi prassi stabbilita. Hu fatt magħruf li dak li jinkiseb minn strajk ikun ferm akbar mill-ġurnata paga li tintilef.

6. Jien mhux membru tal-MUT. Jekk nistrajkja ser inkun protett mill-MUT?

   L-istrajk hu msejjaħ għall-impjegati kollha, kemm jekk huma membri tal-MUT kif ukoll dawk li mhumiex. L-MUT ser tipproteġi lil kull impjegat li jistrajkja.

7. Jekk nhar it-Tnejn ma nistrajkjax u nidħol għax-xogħol, x’ser nagħmel?

   Permezz tal-klawżola li kull impjegat jista’ jitqabbad jagħmel xogħol skont l-esiġenzi tas-servizz, int ser tagħmel dak kollu li ser jiġi mitlub minnek, inkluż li terfa’ r-responsabbiltà tal-iskola u l-istudenti għal ġurnata sħiħa.

8. Jien ser nidħol l-iskola nhar it-Tnejn u ser insegwi direttivi li mhumiex tal-MUT, minflok, sabiex ma nistrajkjax.

   Jekk ser tidħol għax-xogħol u ma tagħmilx dak li ser ikun mitlub minnek dakinhar minn min ser imexxi, ser tkun qed issegwi l-istrajk (magħruf bħala sit-in strike) bħal dawk li ma daħlux għax-xogħol.

9. Nista’ nistrajkja billi nibqa’ fil-bini tal-iskola mingħajr ma niffirma?

   Meta tirfes il-bieb tal-iskola jfisser li inti dħalt għax-xogħol u ma strajkjajtx.

10. Dakinhar tal-istrajk jien nista’ nagħmel xi ħaġa tax-xogħol waqt li nistrajkja?

    Matul l-istrajk inti mistenni li ma tagħmel xejn marbut max-xogħol, inklużi telefonati, emails eċċ.

11. Jista’ jkollna żviluppi fis-sigħat li ġejjin u l-istrajk ma jseħħx?

    Wara t-tħabbira li l-gvern mhux lest li jiddiskuti jekk jibqgħu l-azzjonijiet, hu diffiċli li jkun hemm xi żviluppi fis-sigħat li ġejjin, però jekk ikun hemm, ser ninfurmaw lill-membri immedjatament.

12. X’ser jiġri wara l-istrajk?

    Għadu kmieni sabiex inkunu nafu x’jista’ jiġri qabel, waqt u wara l-istrajk. Il-Kunsill tal-MUT qed jiltaqa’ kontinwament sabiex jiddiskuti l-iżviluppi kollha li jistgħu jseħħu.